# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1464

Każ Nru 1702

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Edmea Caruana

u

Phoenix Domestic Appliances Ltd

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Data: 8 ta' Jannar 2004

**Chairman: is-sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie mibgħut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Aġent Ministru għall-Politika Soċjali fit-2 ta' Settembru 2002 b'riferenza MSP/TI/84/2002 wara li l-Avukat Andrew Borg Cardona, f'isem Edmea Caruana, kien fit-28 ta' Awissu 2002 kiteb lill-Ministru fejn allega li Caruana kienet ġiet liċenzjata mis-soċjeta' Phoenix Domestic Appliances Ltd fit-18 ta' Lulju 2002. Għas-soċjeta' deher is-sur Stephen Petroni, *Managing Director*, assistit mill-Avukati Adrian Delia u Adrianne Agius. Inżammu 13 il-seduta.

## 2. Fatti tal-każ

Il-Kumpanija Appellata tallega li l-Appellanti, li kienet taħdem bħala *salesperson*, f'diversi okkażjonijiet ma kkomportatx ruħha sewwa mall-klijienti kif ukoll kienet aggressiva u kienet arroganti mas-superjuri tagħha. Matul l-impieg tagħha ġiet mogħtija diversi twissijiet sakemm fl-aħħar kellha titkeċċa. L-Appellanti tiċħad dan u tikkontesta t-twissijiet li ngħatawlha u tallega li l-liċenzjament tagħha kien għall-raġuni li mhix ġustifikata.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Matul is-smiegħ tal-każ jirriżulta li l-Appellanti kienet involuta f'diversi nċidenti li wasslu għal twissijiet. Hemm xi ftit ta' nuqqas ta' qbil bejn ix-xhieda dwar dettalji tal-każi. Biss jirriżulta bażikament li essenzjalment il-fatti hemm qedin. Jispikka fid-diversi każi l-aġir xejn feliċi tal-Appellanti. Il-komportament tagħha mas-superjuri f'diversi minn dawn l-inċidenti kien wieħed ta' konfrontazzjoni, insubordinazzjoni u ta' nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' tagħhom, anke quddiem klijenti. L-atteġġjament tagħha f'xi inċidenti ma' klijenti ukoll jikkostitwixxi nuqqas gravi. Dan minħabba l-fatt li fl-ambjent fejn kienet taħdem kien rikjest minnha attitudini ta' attenzjoni u paċenzja versu l-klijent li kien ikun hemm biex jinqeda. L-inċidenti li ssemmew fit-tul waqt is-smiegħ tal-każ wieħed b'wieħed forsi ma jimmeritawx is-sanzjoni estrema tat-tkeċċija. Iżda t-Tribunal ma jistgħax ma jinnotax illi kien hemm sensiela ta' inċidenti li globalment kienu jpoġġu l-impieg tal-Appellanti f'sitwazzjoni prekarja. L-Appellanti tidher li ma titgħallimx minn dak li jiġri u tippersisti li t-tort mhux tagħha. Anzi tara kif titfa t-tort fuq ħadd ieħor.

It-Tribunal ma jistghax jikkonsidra posittivament l-allegazzjonijiet tagħha għal xi nuqqasijiet li setgħu kienu kommessi minn kollegi tagħha. Per ezempju hemm l-allegati nuqqasijiet, imsejħa 'frodi' mill-Appellanti, tas-superjur tagħha Colin Blake, li ma gewx ippruvati sodisfaċentement. It-Tribunal mhux kompetenti jikkonsidrahom dawn, molto piu' jistrieh fuqhom biex jiskolpa lill-Appellanti. Iżda anke kieku għal grazzja tal-argument kellhom ikunu veri bl-ebda mod ma ġie ippruvat li dawn b'xi mod kellhom x'jaqsmu mat-tkeċċija tal-Appellanti kif allegat hi.

Apparti minn dan kollu t-Tribunal ma jistgħax jikkonċilja l-fatt li l-Appellanti kienet irrilaxxjat irċevuta ffirmatha minnha għal somma ta' flus, li tinkludi ħlas flok *notice,* u b'tipa grassa l-kliem *in full and final settlement* u mbagħad tfittex lill-Kumpanija Appellata f'dan it-Tribunal għal riżarċiment ta' danni dwar il-liċenzjament tagħha. Hija ffirmat l-formula tal-ETC fejn hemm imniżżel li tkeċċiet b'dixxiplina. Fix-xhieda tagħha l-ewwel qalet li ma ffirmatiex (seduta tal-11 ta' Ġunju 2003 fol 66), imbaghad (fol 67) qalet li ffirmatha għaliex qalulha 'dik bil-fors trid tiffirmaha'. Jekk tassumi li veru qalulha hekk u hi ffirmatha *under duress* sgur li ma tistgħax tassumi li ffirmat ir-riċevuta għax bil-fors!

It-Tribunal ipoġġi t-test li Lord Denning, *Master of the Rolls*, kien indika fil-każ *British Leyland (UK) Ltd vs Swift* cioe' ' *if no reasonable employer would have dismissed him, then the dismissal was unfair. But if a reasonable employer might reasonably have dismissed him, then the dismissal was fair'* . Quddiem dat-test ċertament il-Kumpanija Appellata jidher ċar li aġixxiet b'responsabbilta' u b'mod ragonevoli.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenżjament tal-Appellanti Edmea Caruana minn mal-Kumpanija Appellata, Phoenix Appliances Ltd, kienet għal raġuni ġusta u suffiċjenti.
B'hekk jintemm dan il-każ.

**5. Drittijiet**

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini

Chairman

Mary Rose Galea

A/Segretarju